# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-18-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**18.01 Talba**

18.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**18.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

18.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**18.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 17**

18.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 17 ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Ghigo issekonda.

**18.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.04.01 Is-Sindku infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-proġett ta' restawr tal-Isptar il-Qadim wasal fl-aħħar stadju tiegħu, u fadal biss il-ħadid li għandu jitneħħa biex jiġi sprejjat, sabiex ix-xogħol jitqies kompletament lest. Dwar it-tagħmir tal-istess isptar, is-Sindku spjegat li l-Kunsill għadu qed jistenna konferma dwar jekk ġewx approvati fondi relatati mal-applikazzjoni li kienet issottomessa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

18.04.02 Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi "SPI.SCI.03.2025 – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025" ġiet approvata, u ngħatajna s-somma ta' €1,500. Dawn il-fondi se jintużaw skont il-proposta oriġinali tal-Kunsill biex jitwettqu xogħlijiet ta' tindif fi Triq Valletta l-Qadima, Triq tal-Isqof, Triq tas-Sejba u Sqaq tas-Serer. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.04.03 Is-Sindku infurmat lill-membri li r-Reġjun Punent alloka fond ta' €3,000 lill-Kunsill Lokali biex jintuża għat-tindif estensiv fir-raħal. Hija ssuġġeriet li dawn il-fondi jintefqu fuq tindifa komprensiva fi Sqaq Buħar, peress li din iż-żona ilha ma tnaddaf sew minn skart illegali. Il-Kunsillieri qablu unanimament mas-suġġeriment.

18.04.04 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Punent alloka fondi addizzjonali ta' €3,000 biex jintużaw għall-installazzjoni ta' *bins* ġodda. Din l-allokazzjoni saret wara li, waqt id-diskussjoni tal-Baġit Reġjonali, is-Sindku kienet talbet li fil-ġonna pubbliċi jitpoġġew ukoll bins għar-riċiklaġġ. Il-fondi ngħataw ukoll lill-kunsilli lokali l-oħra fi ħdan l-istess reġjun. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill ordna u xtara *Outdoor Recyclable Litter Bins*, li ġew installati minflok il-*bins* li kienu waslu biex jinbidlu fi Ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll fi Ġnien M'Anġ Sapiano. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.04.05 Is-Sindku qalet li x-xogħol fl-Isqaqien ta' Triq il-Parroċċa, li qed jitwettaq minn IM, diġà beda fi Sqaq Nru. 3. Hija spjegat li matul il-proċess instabu diversi problemi strutturali, fosthom nuqqas ta' konkos. Ix-xogħol issa wasal fil-fażi li fiha se jingħata l-wiċċ finali tal-isqaq. Is-Sindku żiedet li hekk kif jinħarġu l-permessi kollha neċessarji (*RWPs*), ix-xogħol se jkompli immedjatament fi Sqaq Nru. 1 u fi Sqaq Nru. 2. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.04.06 Is-Sindku talbet aġġornament lill-Viċi Sindku dwar il-funtana ta' Ġnien M'Ang Sapiano, li bħalissa tinsab mitfija minħabba l-ħtieġa ta' manutenzjoni. Il-Viċi Sindku informa li pprova jikkuntattja lill-persuna li ser tara xi ħsara hemm, iżda ma rnexxilux jikkomunika miegħu. Huwa assigura lis-Sindku li se jieħu ħsieb is-sitwazzjoni sabiex il-funtana terġa' titħaddem mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.04.07 Is-Sindku qalet li wara t-talba tagħha lill-Ministru Owen Bonnici biex isir iktar restawr fuq in-niċeċ fl-Imqabba u fuq is-Salib tad-Dejma, il-Kunsill ġie infurmat mid-Dipartiment tar-Restawr li ser jitwettqu xogħlijiet ta' restawr fuq statwa oħra flimkien man-niċċa tagħha fi Triq San Bażilju, kif ukoll fuq is-Salib tad-Dejma li jinsab fi Pjazza tal-Knisja. Hija spjegat li, fir-rigward tar-restawr tas-Salib tad-Dejma, għadhom qed jistennew il-permessi meħtieġa qabel ma jibda x-xogħol. Is-Sindku irringrazzjat lill-Ministru Bonnici għall-appoġġ kontinwu tiegħu f'dan ix-xogħol ta' restawr. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

18.04.08 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li, skont l-informazzjoni li ingħatat mingħand is-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, id-DNO relatat mal-ġnien ta' fuq il-ġibjun ġiet sottomessa. Hija spjegat li ladarba jinħarġu l-permessi meħtieġa, ikun jista' jibda x-xogħol skont l-iskeda prevista. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

18.04.09 Is-Sindku għarrfet lill-membri tal-Kunsill li nħareġ il-permess għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Karmenu Ciantar, u spjegat li issa l-proċess se jimxi għall-fażi tat-*tender*, u wara jkun jista' jibda x-xogħol. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan l-aġġornament.

18.04.10 Is-Sindku infurmat lill-membri li l-permess relatat ma' Ġnien Onġi Onġella ġie aġġudikat għall-proġett ta' rinnovar tiegħu. Hija spjegat li diġà kkomunikat ma' Projects Green (PG) sabiex tinforma li l-permess inħareġ. Is-Sindku talbithom jippreżentaw dokument jew komunikazzjoni formali sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk għandux jissospendi l-permess attwali biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-proġett minn PG jew le. Għaldaqstant, il-Kunsill se jistenna l-pjanti u d-dokumentazzjoni li se jippreżentaw PG. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

18.04.11 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li bħala Reġjun saret laqgħa mal-Ministru M. Dalli, li kienet rappreżentata miċ-*Chief of Staff* tagħha u membri oħra mill-uffiċċju tagħha. Preżenti kienu wkoll is-*CEOs* ta' *Projects Green*, Ambjent Malta u l-ERA, filwaqt li dawk ta' Enemalta u tal-WSC se jattendu f'laqgħa separata minħabba kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà tad-dwal tat-toroq u dewmien fit-tiswijiet tal-lampi. Fir-rigward tal-ERA, is-

Sindku esprimiet diżappunt li, minkejja l-assigurazzjonijiet dwar l-*enforcement*, il-problema fi Triq tas-Sejba baqgħet ma ssolvietx. Il-*Manager* Ambjentali tar-Reġjun kompla jinsisti fuq it-talba oriġinali tal-Kunsill, magħmula waqt laqgħa preċedenti mal-ERA fejn kienet preżenti s-Sindku, fejn l-awtorità kienet irrifjutat li tipprovdi d-dettalji tas-sidien minħabba raġunijiet ta' *data protection.* Huwa insista li ssir laqgħa mas-sidien tat-tliet crushers li bħalissa qed joperaw mingħajr permess. Dwar Ambjent Malta, is-Sindku qalet li kollox miexi tajjeb u li ż-żbir tas-siġar fit-toroq arterjali jsir b'koordinament ma' Transport Malta. Minn naħa ta' *Projects Green,* dawn offrew li jieħdu ħsieb it-tisqija u l-manutenzjoni tax-*shrubs* li ħawwlu fil-Ġnien tal-Mentna, li jfisser iffrankar ta' spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota.

18.04.12 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsilleri dwar żewġ talbiet relatati ma' *yellow lines* fi Triq il-Parroċċa. L-ewwel waħda tikkonċerna ż-żona quddiem iċ-*childcare centre*, fejn il-parkeġġ ta' vetturi fil-*bays* il-ġodda kif ukoll faċċata, qed joħloq diffikultà biex jgħaddu l-vetturi, speċjalment dawk kbar. Il-Kunsill, bi qbil unanimu, iddeċieda li jintalbu *double yellow lines* tul il-kantuniera kollha faċċata taċ-*childcare*. It-tieni każ jirrigwarda d-dar ta' Ms Julia Debono, fejn parkeġġ ta' vetturi quddiem il-bieb tad-dar tagħha qed jimpedixxiha milli toħroġ bil-*walking aid* tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li jirrapporta s-sitwazzjoni lil Transport Malta u jitlob parir dwar soluzzjoni xierqa.

18.04.13 Is-Sindku spjegat lill-Kunsillier Galea, li ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa, il-punt li ġie diskuss u vvutat dwaru rigward il-proposta ta' *loading/unloading bay* fi Triq iċ-Ċavi, quddiem l-ispiżerija, fejn hu kien issuġġerixxa li l-*bay* issir faċċata tal-ispiżerija imma iktar 'l fuq. Is-Sindku infurmat lill-Kunsillier Galea li l-ispiżjara kkonċernata għarrfitha li hi ma talbitx għat-tali *bay* u ma tixtieqx li ssir applikazzjoni f'isimha għal din il-proposta.

18.04.14 Is-Sindku infurmat lill-membri tal-Kunsill li fit-3 ta' Ottubru 2025 se jsir il-*launch* uffiċjali, organizzat mir-Regjun Punent, tal-ktieb "Djar ta' Alla Djar tal-Poplu" fil-verżjoni bl-Ingliż. L-attività se ssir fil-Kappella ta' San Bażilju fis-7.30 p.m. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

18.04.15 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsillieri li l-vakanzi għall-karigi ta' Librara, u ta' *Administrative Officer* mal-Kunsill Lokali għadhom ma ġewx ippubblikati mill-uffiċċju, minkejja li l-intervisti mal-applikanti mil-lista ta' *Jobsplus* saru f'Awwissu 2025. Hija rrimarkat li l-proċess kellu jkun diġà konkluż, u mhux jibqa' jingħad li l-Kunsill qed jopera bi staff insuffiċjenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.04.16 Is-Sindku rriferiet għal *post* fuq *Facebook* li kien jirrigwarda r-rampa fil-Pjazza tal-Knisja, li kellha tkun parti mill-proġett tal-istess Pjazza. Hija spjegat li s-Segretarju Parlamentari, is-Sur Omar Farrugia, kien diġà konxju mis-sitwazzjoni relatata ma' din il-bankina, peress li l-proġett tal-Pjazza kien sar meta huwa kien is-Sindku tal-Imqabba. Is-Sindku fakkret ukoll fil-laqgħat li kellna fil-leġislatura preċedenti mal-Ministeru, inkluż mal-Perit tal-*Public Works*, fejn dejjem konna ġejna infurmati li r-rampa ma setgħetx titwettaq minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Madankollu, ġie osservat li x-xogħol fuq il-bankina sar fi żmien jumejn wara l-imsemmi post fuq *Facebook.*

Is-Sindku enfasizzat li l-Kunsill qatt ma oġġezzjona għall-proġett, sakemm dan isir b'permessi validi u skont il-proċeduri stabbiliti. Madankollu, hija esprimiet tħassib għall-fatt li x-xogħol sar mingħajr ebda avviż lill-Kunsill u fuq proprjetà tiegħu, fejn mir-riċerka li għamilna, ma deherx li kien hemm RWP (Road Works Permit) għal dan ix-xogħol. Għaldaqstant, is-Sindku bagħtet *email* formali lis-Segretarju Parlamentari biex tiċċara li r-responsabbiltà ta' dan ix-xogħol għandha tinżamm fuq il-*Public Works* u mhux fuq il-

Kunsill, fl-eventwalità li jseħħ xi inċident. Wara li ħadet parir legali, saret ukoll ittra uffiċjali lid-Direttur Ġenerali tal-*Public Works*, bil-ħsieb li jikkonferma bil-miktub li x-xogħol sar skont ir-regolamenti u l-linji gwida tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

18.04.17 Is-Sindku infurmat li nhar il-Ħadd, 26 ta' Ottubru 2025, se torganizza *Afternoon Tea* fl-Iskola Primarja. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

**18.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

18.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-ispejjeż relatati max-xiri ta' għamara u tagħmir għall-Isptar il-Qadim, fid-dawl tal-possibbiltà li l-Kunsill jopera minn hemm b'mod temporanju. Is-Sindku spjegat li l-applikazzjoni oriġinali għall-fondi kienet maħsuba għar-restawr tal-Isptar il-Qadim sabiex jintuża bħala *tourist hub*; madankollu, issa qed tiġi ppreżentata talba għal *change of use* biex il-bini jservi bħala uffiċċju temporanju tal-Kunsill, filwaqt li parti minnu xorta tibqa' ddedikata għal skop turistiku. Hija żiedet li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mas-*CEO* tal-LESA dwar dan l-arranġament temporanju sakemm jinstab lokal alternattiv jew sakemm il-Gvern jipprovdi soluzzjoni oħra. Is-Sindku enfasizzat li l-użu tal-Isptar il-Qadim qed jitqies bħala miżura proviżorja, iżda bħalissa mhux magħruf kemm se jista' jdum dan l-arranġament. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella, billi hu kien fehem li dan kellu jitwettaq minn *Projects Green*. Is-Sindku reġgħet spjegat li l-permess ta' żvilupp sħiħ *(Full Development Permission)* tal-Kunsill għadu kemm ġie approvat u, bi qbil unanimu anke f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, kien ġie deċiż li dan il-permess ma jitwaqqax. Hija żiedet tgħid li bħalissa *Projects Green* qed iħejju l-pjanti tagħhom u, ladarba dawn ikunu lesti, jekk il-Kunsill jaqbel li l-proġett isir skont dawn il-pjanti, dan jitwettaq minn *Projects Green* permezz ta' *DNO*. F'dak il-każ, il-permess ta' żvilupp sħiħ tal-Kunsill jiġi rtirat. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-tindif tal-*gutters* li kien talab sabiex jitwettaq. Is-S.E. infurmat li x-xogħol tat-tindif sar mill-ħaddiema f'numru ta' toroq fosthom Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katerina, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq il-Parroċċa, Triq il-Fjuri, Triq San Bażilju u Triq Karmenu Ciantar. Hija żiedet li fadal biss is-*service roads* fi Triq il-Konvoj, li se jkunu qed jitnaddfu fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-possibbiltà li Triq tas-Sejba tiġi mnaddfa qabel jibda l-maltemp. Is-Sindku spjegat li din it-triq hija diġà ppjanata biex tiġi inkluża fil-programm ta' tindif li ser isir dan ix-xahar bħala parti mill-inizjattiva tal-*Clean Up Campaign*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.05.05 Il-Kunsillier Sciberras ressaq punt dwar is-sitwazzjoni fi Pjazza tal-Knisja, fil-kantuniera ma' Sqaq l-Isptar, fejn parti mit-triq, li tidher qisha kantuniera iżda fil-fatt mhijiex, qed tikkawża li vetturi pparkjati hemm jiġu mħarrka permezz tas-*CCTVs* tal-Pjazza. Il-Kunsillier staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill jitlob direzzjoni mingħand Transport Malta dwar dan il-każ. Il-Kunsillieri qablu unanimament li tintbagħat talba formali lil Transport Malta dwar dan.

**18.06 Jum L-Imqabba 2025**

18.06.01 Is-Sindku talbet lis-S.E. taqra korrispondenza mingħand is-Sur Marcio Ghigo dwar il-proposta għall-pittura biż-żejt għal "Ġieħ l-Imqabba", ta' 50cm b'30cm bi prezz ta' €500. Il-

proposta tikkonsisti li l-oriġinal tinżamm mill-Kunsill u jsiru kopji ta' kwalità għolja għall-użu f'ċerimonji futuri. Is-Sindku qalet li l-oriġinal għandu jiġi esebit waqt is-serata u kull sena tingħata replika flimkien mal-munita tal-fidda. Il-Kunsill qabel u ntlaħaq qbil li jintalbu l-istimi għall-ipprintjar tal-kopji.

18.06.02 Waqt id-diskussjoni dwar l-attivitajiet ippjanati għal Ottubru 2025, ġie mfakkar li nhar it-12 ta' Ottubru filgħodu se jkollna l-*Mobile Unit* tad-Donazzjoni tad-Demm fil-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-17 ta' Ottubru filgħaxija, wara talba li saret mis-Sindku lir-Reġjun Punent, liema talba ġiet milqugħa, il-Kunsill ser jibbenefika minn somma ta' €3,000 biex tkun organizzata l-Festa Tfal Imqabbin, li se ssir bil-parteċipazzjoni taż-żewġ każini tal-banda.

Filgħodu tal-istess jum, ser issir ukoll attività edukattiva mal-iskola marbuta mal-proġett EkoSkola u l-Green Flag. Matul din l-attività, l-aħjar disinn magħmul mill-istudenti se jiġi pprintjat fuq tazzi ri-użabbli, li jingħataw lill-istudenti fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.

18.06.03 Fit-18 ta' Ottubru filgħodu se ssir il-logħba tal-futbol bejn plejers antiki, u filgħaxija s-serata Ġieħ l-Imqabba kif ukoll wirja mużikali fl-okkażjoni tat-80 sena, b'fondi ta' €1,000 mir-Reġjun Punent.

18.06.04 Fid-19 ta' Ottubru ssir il-quddiesa kommemorattiva u wirja tal-karozzi klassiċi bi parteċipazzjoni ta' madwar 30 vettura. Il-Kunsill se jisponsorja *mugs* ta' tifkira bil-*logo* tal-Kunsill u mhux *tokens* għax-xorb għall-parteċipanti. Wara l-wirja jsiru żjarat lill-każini, filwaqt li ż-żjara tal-President ġiet posposta għat-23 ta' Novembru.

18.06.05 Il-Kunsillier Galea staqsa lis-Sindku jekk humiex se jiġu diskussi attivitajiet ġodda għall-Jum l-Imqabba. Is-Sindku wieġbet li l-attività Festa Tfal hija waħda innovattiva. Għall-mistoqsija tas-Sindku jekk għandux xi ideat ġodda, il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza żjara lill-anzjani Mqabbin li jinsabu fid-djar tal-anzjani. Is-Sindku qalet li minflok immoru nżuruhom, dawn l-anzjani għandhom jiġu mistiedna biex jingħaqdu mal-komunità waqt il-quddiesa. Fuq dan kien hemm qbil.

18.06.06 F'dan il-punt, il-laqgħa ġiet temporanjament sospiża sabiex il-Kunsill seta' jiddeċiedi dwar ir-rebbieħa tal-Unur Ġieħ l-Imqabba 2025 u l-Unur tal-Mertu.

**18.07 Milied 2025**

18.07.01 Is-Sindku infurmat li s'issa għadu ma hemmx konferma dwar jekk il-Kunsill hux se jirċievi fondi mill-iskema li applikajna għaliha. Hija infurmat ukoll li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern it-talba għal stimi dwar id-dwal dekorattivi tal-Milied fit-toroq. Is-Sindku fakkret lill-Kunsillieri biex min hu disponibbli jakkumpanjaha għall-għażla tar-rigali tal-Milied għat-tfal li se jingħataw waqt il-Party tal-Milied, ippjanat għas-Sibt 20 ta' Diċembru 2025. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa l-organizzazzjoni ta' *dinner dance* bil-qligħ imur għall-*Community Chest Fund*; madankollu, wara diskussjoni, ġie konkluż li dan jista' jkun diffiċli minħabba n-numru ta' attivitajiet li jsiru matul il-perjodu festiv tal-Milied. Is-Sindku talbet lill-Viċi biex jibda jikkordina mal-każini dwar it-twaqqif tal-arbli u l-festuni fit-toroq. Ġie deċiż ukoll li l-Quddiesa u l-bibita għall-għaqdiet isiru nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar 2026 fl-Isptar il-Qadim. Dwar il-kompetizzjoni tal-isbaħ disinn għall-faċċata tal-kartolina tal-Milied, intlaħaq qbil li l-avviż jiġi ppubblikat nhar il-20 ta' Ottubru *b'deadline* sal-15 ta' Novembru 2025. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

**18.08** **Mozzjoni**

18.08.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Mozzjoni ppreżentata mill-Kunsillier Galea u ssekondata mill-Kunsillier Sciberras, li kienet tikkundanna kumment dispreġġjattiv li l-Viċi Sindku, is-Sur Jonathan Dingli, ippubblika fuq il-midja soċjali fil-konfront tan-nisa. Din il-mozzjoni tfittex li l-Kunsill jiddisassoċja ruħu minn dawn il-kummenti, jikkundannahom bla riserva, juri solidarjetà ma' dawk li huma jew kienu vittmi ta' vjolenza, u jitlob lill-Viċi Sindku jirrifletti fuq il-gravità ta' dak li seħħ u jikkunsidra li jirriżenja mill-kariga tiegħu.

18.08.02 Il-proponent, il-Kunsillier Galea spjega li, filwaqt li jifhem li s-Sur Dingli talab apoloġija pubblika u esprima l-intenzjoni li jagħti donazzjoni, xorta waħda hemm bżonn li tittieħed ir-responsabbiltà sħiħa għal dak li ntqal, għaliex kummenti bħal dawn ma għandhom qatt isiru. Huwa saħaq li l-Viċi Sindku għandu jirriżenja mill-kariga tiegħu bħala att ta' responsabbiltà u bħala eżempju għal kull min jaħseb li jista' jkompli jagħmel kummenti ta' din ix-xorta. Il-Kunsillier Sciberras żied li l-mozzjoni m'għandhiex tittieħed b'mod personali jew politiku.

18.08.03 Is-Sindku, qrat dikjarazzjoni bil-miktub li tixtieq li tiġi annessa mal-minuti, fejn iddikjarat li, bħala mara u bħala Sindku, tikkundanna l-kliem li ntqal iżda ma taqbilx mal-kontenut u mat-talba tal-mozzjoni, billi l-Kunsill Lokali m'għandux kompetenza biex jiddeċiedi fuq affarijiet ta' natura personali u li dawn għandhom jiġu trattati mill-Bord tal-Governanza skont il-liġi. Hija enfasizzat li, filwaqt li l-kummenti kienu żbaljati u ma kellhomx isiru, ma tistax issir kundanna assoluta tal-persuna, speċjalment fid-dawl tal-apoloġija pubblika u l-kontribut pożittiv tiegħu lejn il-lokalità. Il-Viċi Sindku Jonathan Dingli kkonferma li diġà talab skuża u ma kellux xi jżid, filwaqt li Kunsillier Patrick Ghigo esprima l-qbil tiegħu mad-dikjarazzjoni tas-Sindku.

18.08.04 Il-Kunsillier Galea ppreżenta wkoll kummenti u stqarrijiet bil-miktub biex jiġu annessi mal-minuti.

18.08.05 Wara diskussjoni, ittieħed vot fejn ġew: tnejn favur u tlieta kontra. Il-mozzjoni ma ġietx approvata.

**18.09** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

18.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-EAPPS mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**18.10** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

18.10.01 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Esselle li kienet tinkludi kwotazzjoni għal tiswija jew bdil tas-sistema tas-*CCTV* tal-binja tal-Kunsill. Wara li saret diskussjoni dwar is-suġġett, ġie deċiż unanimament li, minflok tinxtara sistema ġdida kompleta, jinxtara l-iktar HDD li joffri spazju biex jaħżen id-*data* u li jista' jintuża b'mod portabbli u jikkonnettja ma' *cameras* ġodda skont il-ħtieġa. Il-Kunsillieri żammew nota ta' dan.

18.10.02 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Nexos Street Lighting dwar stimi relatati mal-installazzjoni ta' dawl ġdid tat-triq. Wara diskussjoni, ġie deċiż li Nexos jintalab jikkonferma jekk jistax jinstalla lampa ġdida fil-pjazza, fuq in-naħa fejn tinsab l-*istage* quddiem il-kappella, sabiex jekk ir-rispons ikun pożittiv, jintalab jipproċedi bl-installazzjoni tagħha kif

ukoll bil-bdil tal-lampa eżistenti fil-bidu ta' Sqaq l-Isptar b'waħda dekorattiva ġdida. Barra minn hekk, qablu wkoll li għal-lampi ġodda f'Xaghri l-Imqalleb, jiġu nstallati żewġ lampi solari, inkluż arblu ġdid għal waħda minnhom. Il-Kunsillieri żammew nota ta' dan.

18.10.03 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju li avżat li, bil-permess tal-Kurja, il-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni se tibda tiġi ċċelebrata nhar it-8 ta' Diċembru 2025. Is-Soċjetà se torganizza attivitajiet bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru u talbet li dawn id-dati jkunu riservati. Il-Kunsillieri ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

18.10.04 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident dwar il-bankina fi Triq Dun Ġeraldu Mangion, li tinsab f'kundizzjoni perikoluża u teħtieġ manutenzjoni. Is-Sindku talbet lis-S.E. biex ix-xogħol meħtieġ jiġi inkluż fl-applikazzjoni lill-*Public Works*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

18.10.05 Il-Kunsill irreċieva korrispondenza mingħand ir-residenta dwar il-parkeġġ ħdejn propjetà tagħha fi Triq il-Parroċċa, fejn il-karozzi pparkjati faċċata, spiss jostakolaw l-aċċess għall-garaxx minħabba n-nuqqas ta' linji sofor. Hija talbet l-installazzjoni ta' linji doppji sofor biex titjieb is-sigurtà. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li nitolbu direzzjoni mingħand Transport Malta.

18.10.06 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar talba mill-Perit responsabbli mix-xogħlijiet ta' bankini ġodda fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fejn jinħtieġ li jpoġġu container fi Triq iż-Zurrieq għal waqt ix-xogħol. Hija staqsiet jekk hemmx oġġezzjoni li jitpoġġa dan sabiex tkun tisa' tagħti risposta lill-perit. Il-Kunsillier ma sabux oġġezzjoni li jitpoġġa temporanjament il-container fi Triq iż-Żurrieq.

18.10.07 Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar talba sabiex tiġi installata mera tat-triq fis-service road fi Triq il-Konvoj. Il-Kunsillieri ddiskutew u qablu li għandu jiġi indikat eżatt il-post fejn din qed tintalab u r-raġuni għaliex hija meħtieġa. Il-Kunsillieri żammew nota ta' dan.

18.10.08 l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali (Cir. AKL 2025/052) dwar il-proċess ta' tiġdid tal-karti tal-identità fil-Kunsilli Lokali, li qed isir b'kollaborazzjoni mal-aġenzija Identità. Dan il-proċess jippermetti lir-residenti jġeddu l-karta direttament mill-Kunsill, fejn żewġ uffiċjali minn Identità se jieħdu r-ritratti u jilqgħu l-applikazzjonijiet, filwaqt li l-ġbir tal-karta l-ġdida jsir minn servizz.gov jew mill-uffiċini ta' Identità. Is-servizz se jkun limitat għat-tiġdid biss u jsir fi ħinijiet stabbiliti, b'kordinament dirett mal-Kunsilli rispettivi. Is-S.E. qrat il-korrispondenza u l-Kunsillieri ħadu nota tagħha.

**18.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

18.11.01 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa l-installazzjoni ta' lampa ġdida fit-triq il-Barrieri, proposta li ġiet approvata unanimament.

18.11.02 Il-Viċi Sindku talab li jiġu nstallati *stoppers* fil-*parking bays* madwar il-flats tal-Gvern fi Triq il-Barrieri, sabiex jiġi evitat li vetturi pparkjati jostakolaw l-aċċess għall-bankina, b'mod partikolari għal persuna li tuża *wheelchair*. Ġie deċiż li tintalab il-konferma mingħand Transport Malta dwar l-installazzjoni possibbli ta' dawn l-*istoppers*.

18.11.03 Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li titneħħa *communal bay* li m'għadhiex tintuża, iżda wara diskussjoni twila dwar dan, il-Kunsill iddeċieda li din tibqa' kif inhi.

18.11.04 Il-Kunsillier Galea talab li l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill jintbagħtu lill-Kunsilliera mill-inqas ħamest ijiem qabel, sabiex ikollhom ħin jaqrawhom bil-kwiet. Is-S.E. spjegat li se tipprova tagħmel dan iżda ħafna drabi ma tkunx tista' taħdem fuqhom qabel minħabba xogħol ieħor urġenti apparti l-interruzzjonijiet li jkun hemm. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

18.11.05 Il-Kunsillier Galea semma l-bżonn li titpenġa il-*parking bay* fis-*service road* kantuniera ma' Triq il-Qattara, li ma kienetx saret minħabba xogħol ta' kostruzzjoni li kien hemm għaddej. Il-Kunsillieri qablu li din għandha issir issa li l-ispazju huwa disponibbli.

18.11.06 Il-Kunsillier Sciberras talab li jsir *patching* quddiem Numru 4, Triq Dun Nikol Zammit, u l-proposta ġiet approvata.

18.11.07 Il-Kunsillier Sciberras irrimarka dwar l-*orange plastic bollards* fis-*service road* fi Triq il-Konvoj fejn tnejn jew tlieta minnhom tqaċċtu, u wara diskussjoni, is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex l-għada l-ħaddiema jneħħu l-*bolts* tagħhom li baqgħu imwaħħla fit-triq biex, jitneħħa kull periklu, filwaqt li jiġu ordnati oħrajn ġodda biex jiġu mwaħħla minflokhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**18.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/18**

18.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/18 ġiet approvata.

**18.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

18.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tliet 21 ta' Ottubru 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025.

IFFIRMATI

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

IFFIRMATI

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**